MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 1449/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited C-3143
kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha
Alexia Farrugia, u l-istess Alexia Farrugia**

**Vs**

**David Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Lulju,2004 fejn gie premess illi l-konvenut huwa d-debitur tal-atturi fis-somma ta' tlett mija u ghaxar Liri Maltin u tnax il-centezmu (LM310.12) u dana in kwantu ghas-somma ta' LM285.12 lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' LM25.00 lill-attur l-iehor Alexia Farrugia, rappresentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru IMY 318 fit-12 ta' Gunju 2003 gewwa l-Gzira habat mal-vettura numru LEX 005 propjeta` tal-attrici, Alexia Farrugia, u ikkaguna danni

f'din l-istess vettura, liema vettura kienet assikurata comprehensive mas-socjeta` attrici assikuratrici.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' Ittra Ufficjali datata 12 ta' April 2004 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficcjali ohra ippresentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Ittra Ufficjali tat-12 ta' April 2004 kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut tal-24 ta' Novembru, 2004 fejn gie eccepit illi l-incident sehh b'tort uniku ta' l-attrici. Illi fi kwalunkwe kaz id-danni mitluba mill-atturi huma esagerati ghall-hsara mgarrba. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz.

Ikkunsidra :

Illi **PS 1136 Fabian Fleri**, (8.03.2005) prodott mill-atturi, xehed illi fit-12 ta' Gunju 2003 gie imsejjah fuq il-kollizzjoni li grat fi Triq Belvedere, Gzira. Hu qal illi l-vettura LEX-005 kienet sejra minn Belvedere Street ghat-telgha biex tigi ghal Rue D'Argens, fejn fuq nett ta' l-istess triq sehhet il-kollizjoni mal-van bin-numru IMY-318 misjuq mill-konvenut. Hu xehed illi filwaqt illi l-attrici qalet li waqt li kienet qed tistenna biex tohrog, il-vann gie b'lura u laqatha, il-konvenut qal illi hu ried jitla` l-fuq u jikser fuq ix-xellug filwaqt illi l-attrci dahlet fuqu minn wara. Ix-xhud ighid wkoll illi d-daqqa ta' l-attrici kienet fuq is-*side mirror* tax-xellug u ma kellha l-ebda hsara la quddiem u lanqas wara, u l-hsara tal-konvenut kienet fuq il-bumper ta' wara tal-lemin.

Xehdet ukoll l-attrici **Alexia Farrugia** (8.03.2005) illi stqarret illi kienet qed issuq il-vettura taghha LEX-005, waqt li kienet tiela Triq Belvedere rat il-minibus wieqaf quddiema xi zewg metri boghod, waqfet u rriverjsa fuqa.

Hi xehdet illi kellha tieqaf minhabba illi kienet bejn tlieta u erba` metri l-boghod mill-Main Road.Tghid illi laqata fil-genb fuq in-naha tal-bieba tal-passiggier u li kull ma kellha hsara fuq il-bieba biss. Tghid ukoll illi hadd minnhom ma assuma r-responsabbilita` u zzid wkoll illi hi kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni *fully comprehensive*. Hi tghid illi ghalkemm taqbel ma l-iskizz esebit, id-daqqa taghha kellha tkun aktar lura milli tidher.

Regghet xehdet fil-5 ta' April 2005 fejn stqarret illi kellha daqqa fuq il-bieba u mudguard tax-xellug. Tghid illi r-riparazzjonijiet gew imhallsa mis-socjeta` attrici assigurattrici, kif ukoll illi hi kienet kriet vettura fejn hallset l-ammont ta' tmiejna u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM28.75).

Xehed ukoll **John Callus** (28.02.2006) prodott mill-atturi li stqarr illi huwa jaghmel xoghol ta' motor parts surveying regolari ghas-socjeta` attrici, u li gie inkarigat mill-istess socjeta` biex jaghmel survey fuq il-vettura b'numru LEX-005. Hu qal illi l-hsarat kienu fuq in-naha tax-xellug tal-vettura kif ukoll fuq wara tal-vettura specifikament fuq il-wing ta' wara mal-gnub tal-karozza, li kienu rizultat ta' daqqa wahda. Jghid wkoll illi fuq wara tal-vettura, kien hemm daqqa fuq gewwa. Filwaqt li jghid illi "id-daqqa` ma kienet xejn specjali", jghid wkoll illi hadd ma nfurmah illi l-vettura kienet involuta f'aktar minn incident wiehed.

Sema` x-xhieda ta' **Ray Buttigieg** prodott mill-atturi (28.02.2005), illi stqarr illi huwa t-titolari ta' Ray Auto Parts, hu kkonferma illi l-parts li jidhru f'fol 18 inxtraw minn ghandu fid-data ndikata hemmhekk.

Xehed **Alfred Vella** (8.05.2007) illi stqarr illi ghalkemm meta muri s-survey ma ftakrux, meta muri d-dokument a fol 16, huwa ikkonferma illi kien kont u ricevuta fiskali mahruga mill-garaxx tieghu. Jghid wkoll illi ma jistax jikkonferma jekk il-parts tal-vettura gewx mixtrija minnu jew mill-insurance, pero` izid illi kieku xtrah hu, kienet tkun imnizzla fl-invoice tieghu a fol 16. Jghid wkoll illi minhabba

li qieghed fin-negozju ma' huh, is-survey fuq il-vettura seta` sar minn huh, u ghalhekk ma jistax jikkonferma kemm damet tissewwa din il-vettura. Jghid ukoll illi ghalkemm fuq fol 16 ma hemx il-firma tieghu, pero` jaghraf il-logo tieghu fuq il-letterhead. Jikkonferma illi l-firma hija tas-surveyor. Mis-survey ikkonferma lli d-daqqa kienet "*fuq in-naha tal-left*", u li jissoponi illi saru xogholijiet fuq il-mudguard u l-bieba tan-naha tax-xellug.

Xehed **Hubert Said** (27.06.2007) in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, li stqarr illi hu jahdem ma' Gasan Mamo Insurance Limited bhala Supervisor fil-Motor Claims Department. Ipprezenta l-kontijiet ipprezentati minn Alexia Farrugia u kkonferma li s-socjeta` attrici hallset dawn il-kontijiet kollha. Jikkonferma wkoll illi kienet saret claim minn Alexia Farrugia li qalet li kienet wieqfa fuq *stop sign* u t-terza persuna ta' quddiemha rriversja fuqha. Jghid wkoll illi l-hsarat kienu fuq il-bieba tan-naha tax-xellug u l-mudguard ta' wara ta' l-istess bieba. Fil-kontro-ezami jikkonferma illi ghalkemm is-socjeta` attrici ma xtratx il-parts, pero` hallset ghalihom.

Il-konvenut **David Debono** (19.05.2008) xejn illi fid-data tal-incident kien qed isuq mini-van bit-tfal ta' l-iskola. Jikkonferma illi l-incident sehh fit-telgha tal-Belvedere, fit-triq illi tigi ghal Rue D'Argens. Ikkonferma wkoll l-isketch a fol 24, izid pero` illi l-vettura tieghu kienet iktar 'il fuq, waqt li kienet niezla tifla mill-vann sema` daqqa mal-vettura u sab li kienet laqtitu l-vettura ta' warajh fuq in-naha ta' wara. Huwa cahad illi rriversja lura fuq il-vettura misjuqa minn Alexia Farrugia. Fil-kontro-ezami jikonferma illi d-daqqa fuq il-vettura ta' warajh kienet fuq in-naha tax-xellug fuq il-bieba in-naha tal-passiggier. Izid ukoll illi l-bumper tieghu kien mghawweg 'il fuq kif ukoll illi l-hsara kienet fil-brackets u rrangahom.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-ammont ta' danni riklamati ma jidhrux illi huma kkontestati u l-kontestazzjoni principali tal-konvenut tinsab fuq ir-responsabbilita` o meno tieghu dwar l-incident.

Illi fir-rapport tal-Pulizija (fol 33), l-attrici tghid illi "*kont qed nistenna biex nohrog u l-van resaq lura u dahal fija*" – filwaqt illi l-konvenut ighid – "*tiela il-fuq kont ha ndur l-isfel u dahlet fuqi minn wara*".

Illi l-verzjoni moghtija mill-konvenut quddiem it-Tribunal, ghalkemm fis-sustanza jsostni illi l-vettura ta' l-attrici dahhlet fuqu minn wara, pero` taghti hafna aktar dettalji minn dak li sempliciment inghad lil Pulizija preciz wara l-incident. Anzi, mhux biss aktar dettalji izda addirittura anke versjoni kemm xejn differenti – u dan qed jinghad in kwantu illi quddiem it-Tribunal il-konvenut xehed illi d-daqqa` sehhet waqt illi kienet niezla tifla ta' l-iskola. Fatt dan li ma rrizulta minn mkien qabel u mkien ma gie rapportat, lanqas lil Pulizija. Tant hu hekk illi mhux biss l-ufficcjal investigattiv ma nnotax fatt bhal dan fuq ir-rapport, talli lanqas ma ssemma fid-depozizzjoni ta' l-istess Surgent quddiem it-Tribunal.

Rinfaccjat altrimenti b'zewg verzjonijiet differenti – minn naha l-wahda wahda tghid illi l-mini-van irriversja u l-iehor ighid illi l-vettura baqghet diehla fih minn wara, dan it-Tribunal irid jara liema miz-zewg verzjonijiet hija aktar vero-simili.

Mill-verzjonijiet moghtija, mill-iskitzz esebit, mir-rapporti esebiti u mill-hsara sofferti fil-vetturi, it-Tribunal isib illi l-verzjoni ta' l-attrici hija katar verosimili u ghandha tinghata aktar kredibilita`. It-Tribunal jinsab sodisfatt u almenu fu qlivell ta' probabbilita`, l-atturi rnexxielhom jipprovaw illi l-van resaq lura meta gie biex jibda miexi l-quddiem u kien f'dak l-istadju illi laqghat il-vettura ta' warajh. It-Tribunal ihoss illi l-verzjoni moghtija mill-konvenut - illi tifla kienet niezla mill-van meta saret il-habta - saret proprju sabiex tipprova xxekkel din il-versjoni tal-fatti li hija katar verosimili.

Kif gja fuq inghad, ma jidhrix illi hemm kontestazzjoni ghall-kwantum mitlub, anke jekk it-tieni eccezzjoni hija proprju din – imma l-konvenut, fil-mori tal-kawza, b'ebda mod ma kkontesta d-dokumenti u l-ircevuti ppresentati u kkonfermati in sostenn tat-talba attrici.

Ghaldaqstant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi t-Tribunal sema` x-xhieda, ra d-dokumenti u ha konjizzjoni ta l-atti kollha, it-Tribunal qed jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba` mija u tnejn u ghoxrin Euro u disa` u tletin centezmu (€722.39) – gia Lm310.12 – ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------